MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 459/2007/1

**Elton Mamo**

**vs**

**Christopher Saliba**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Dicembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab il-hlas mill-konvenut ta’ elfejn, seba’ mija, tnejn u hamsin Ewro u centezmu (€2,752.01) gja` Lm1,181.44 rapprezentanti hlas zejjed li sar mill-attur a favur il-konvenut akkont ta’ xoghol li baqa’ qatt ma twettaq mill-istess konvenut.

Illi permezz ta' kuntratt ta' appalt iffirmat fis-26 ta' Awissu, 2002 bejn il-partijiet anness mat-talba, il-konvenut obbliga ruhu li jwettaq xogholijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjoni fil-fond 6/7 Sqaq Sant'Antnin, Bubaqra, Zurrieq;

Illi l-konvenut wara li kien irceva s-somma ta' Lm2,340 ta' dak iz-zmien bhala depozitu akkont tax-xoghol li kellu jigi ezegwit minnu, abbanduna dan il-kuntratt, kif rikonoxxut mill-istess konvenut fid-dikjarazzjoni minnu ffirmata fl-20 ta' Jannar, 2003, u annessa mat-talba fejn l-istess konvenut intrabat ukoll li jrodd lura dawk l-ammonti li huwa kien ircieva bil-quddiem ghal xogholijiet li huwa baqa' ma wettaqx;

Illi skond rapport mahrug mill-Perit Herbert Debono datat 1 ta' Frar, 2003 anness mat-talba jirrizulta illi x-xoghol li twettaq mill-konvenut fil-fond indikat jammonta ghal Lm1,158.56 ta' dak iz-zmien.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet imsemmija l-attur talab il-kundanna tal-konvenut li jhallas ossia jirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm1,181.54 ta' dak iz-zmien cioe' l-ammont fit-talba ta' €2,752.01.

Bl-ispejjez, inkluz dik ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2003, 9 ta' Lulju, 2004 u 21 ta' Gunju, 2006 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut Christopher Saliba fejn ikkontesta t-talba attrici peress illi fl-ewwel lok m'huwiex minnu illi l-konvenut abbanduna l-imsemmi kuntratt; ili di piu' il-kuntratt ta' appalt qatt ma gie mahlul kif titlob il-ligi; illi l-esponenti l-flus li rcieva kien dawk li jirriflettu x-xoghol li lahaq ghamel u di piu` ma jafx li qatt iffirma l-iskrittura ta` l-20 ta' Jannar, 2003; illi fi kwalunkwe' kaz kemm fattwalment u guridikament l-esponenti m'ghandux irodd lura ammonti lill-attur, pjuttost ghad fadallu jiehu u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ngunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti.

Ra x-xhieda ta' Elton Mamo, Christopher Saliba, Herbert Debono, kif ukoll tal-Perit tekniku Joseph Gaffiero, kif ukoll l-affidavit tal-konvenut.

Ra r-rapport tal-Perit kaligrafu Joseph Gaffiero.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Mill-provi jirrizulta illi l-attur u l-konvenut dahlu fi ftehim bejniethom u flimkien fasslu u ffirmaw ftehim ta' appalt datat 26 ta' Awissu, 2002 u l-hlas kellu jsir skond kif gie miftiehem bejn il-partijiet. Il-prezzijiet elenkati fil-ftehim kienu jeskludu l-VAT. Illi x-xogholijiet li kellhom isiru fil-fond 6/7 Sant Antnin, Bubaqra, Zurrieq skond l-istess ftehim kellhom jitlestew sa l-ahhar ta' Dicembru, 2002.

Illi skond dokument ezebit mill-attur, u li gie kkontestat mill-konvenut peress ili intqal huwa qatt ma rah u ffirmah, il-konvenut kien allegatament iffirma illi huwa kien ircieva Lm2,340 ghal xoghol ta' kostruzzjoni u alterazzjoni fil-fond. F'dan id-dokument jirrizulta illi Christopher Saliba ma kienx hadem fl-ammont imhallas mill-attur u li kien ha jroddlu lura l-bilanc ghal xoghol li ma kienx ghadu twettaq minnu. Il-konvenut kien allegatament ftiehem li kien ha jaccetta l-kalkolu maghmul mill-Perit Herbert Debono, il-perit inkarigat mix-xogholijiet fil-fond, ghal xogholijiet imwettqa minnu sa Jannar, 2003.

Illi mix-xhieda tal-Perit Debono irrizulta illi wara li l-Perit kien mar jispezzjona l-fond, il-konvenut kien dovut is-somma ta' Lm1,158 ta' dak iz-zmien ghal

xogholijiet kollha maghmula minnu sa dak iz-zmien. Illi jekk l-ammont tax-xoghol maghmul jitnaqqas mill-akkont ta' Lm2,340 imhallas mil-attur lill-konvenut qabel ma bdew ix-xogholijiet jirrizulta l-ammont tat-talba u cioe' Lm1,181.44 ta' dak iz-zmien.

Illi fix-xhieda tal-konvenut huwa jinnega illi huwa qatt ra u ffirma d-dokument ezebit mill-attur datat 20 ta' Jannar, 2003 msemmi fil-paragrafu ta' qabel. Il-konvenut xehed li kien ghamel xoghol aktar minn dak elenkat mill-Perit u li kien jonqsu jithallas ghal xoghol u materjal li huwa kien ghamel u li sa llum ghadu ma thallasx. Qal ukoll illi l-perit ma kienx nizzel il-ftuh tal-faccata fl-ammont ta' Lm200, ftuh tat-twieqi fl-ammont ta' Lm120 u bdil tat-travi u x-xorok kollha fl-ammont ta' Lm90 . Zied ukoll illi huwa kien halla materjal konsistenti f'gebel tal-franka u 'bricks' fl-ammont ta' Lm75 li komplessivament jammontaw ghal Lm595 ta' dak iz-zmien. Il-konvenut kien qal illi huwa kien halla xi ghodda fil-post li ma gewx rezi lura lilu. It-Tribunal jirrilleva illi l-konvenut ma kienx ghamel kontro-talba ghal dan l-ammont izda jirrilleva ukoll illi l-Perit ma kienx irraporta dwarhom izda kien semma u ikkonferma parti minnhom in kontro ezami.

Illi t-Tribunal kien accetta li jinhatar espert kaligrafu fuq l-insistenza tal-konvenut stess, u dana sabiex jivverifika l-awtenticita' tal-firma fid-dokument li l-konvenut kien innega li qatt ra u ffirma. Illi mir-rapport u xhieda '*viva voce'* tal-perit kaligrafu jirrizulta illi l-perit kaligrafu ma kellu ebda dubju li l-konvenut kien l-awtur ta' dik il-firma.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-verzjonijiet konfliggenti tal-fatti li gew moghtija mill-partijiet huwa ha jkollu jistrieh fuq il-provi dokumentali fl-atti li ngabu bhala prova miz-zewg partijiet kif ukoll ha jistrieh fuq ir-rapport tal-perit kaligrafu.

Illi ghalkemm it-Tribunal kien dejjem konvint mill-awtenticita' tal-firma li kienet giet ikkontestata mill-konvenut huwa hass illi fic-cirkostanzi kellu jawtorizza n-nomina ta' perit kaligrafu li kienet mitluba fuq l-insistenza tal-konvenut stess. Il-Perit kien wasal ghal konkluzzjoni li l-firma fid-dokument ikkontestat kienet il-firma tal-konvenut.

Illi in konkluzzjoni, t-Tribunal huwa konvint illi fil-mertu l-attur huwa kreditur fil-konfront tal-konvenut. Izda m'huwiex moralment konvint illi l-istima tal-Perit hija korretta. Illi t-Tribunal ra li ghalkemm il-konvenut kien qal fix-xhieda tieghu illi jonqsu jithallas ghal xoghol li huwa ghamel izda li ma nghatax lilu jara illi ghal dan il-ghan il-konvenut m'ghamilx kontro- talba.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba hija bbazata fuq kejl tax-xogholijiet. Illi fir-rapport tal-Perit Debono ma kienx elenka illi kien hemm xi xoghol maghmul hazin u li ghalih l-klijent tieghu ma kienx ha jhallas. Fir-rapport il-Perit nizzel stima biss tax-xogholijiet li gew maghmula u li kienu accettabbli lilu u lill-attur. Illi fix-xhieda sussegwenti tal-Perit in kontro -ezami huwa kien ammetta li kien hemm xi xoghol li ma kienx tnizzel minnu izda qal li dan kien xoghol hazin li fil-fehma tieghu ma kellux jithallas ghalih. It-Tribunal jirrilleva illi fir-rigward tax-xoghol maghmul hazin huwa ha joqghod fuq id-depozizzjoni tal-Perit izda ma jidhirlux illi l-konvenut m'ghandux jigi jithallas xejn ghal dan ix-xoghol.

Ghalhekk t-Tribunal huwa moralment konvint illi d-dokument ezebit mill-attur u li giet ikkontestata mill-konvenut huwa awtentiku. Illi l-konvenut kien accetta li jrodd lura flus lill-attur. Illi wara li sema` x-xhieda ta` l-attur, it-Tribunal ihoss illi l-attur ipprova quddiem dan it-Tribunal illi kien sar hlas zejjed minnu ta' xoghol li qatt ma twettaq mill-konvenut. Izda t-Tribunal ma jaqbilx ma` l-

kwantum u ma jidhirlux illi l-attur jimmerita s-somma kollha mitluba minnu. It-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi t-talba ghandha tigi ridotta wara li sema` x-xhieda tal-Perit Debono in kontro-ezami. Illi t-Tribunal jidhirlu illi huwa minnu illi l-konvenut kien halla xi materjal, ghodda u li kien ghamel xi xoghol li ma giex ikkumpensat tieghu. Illi ghalhekk ghal qtugh ta' arkati u twieqi, ghall-ghodda li ma gewx irritonati mill-attur lill-konvenut u ghal xi materjal li ntqal li kien ghad fadal fil-fond, it-Tribunal *arbitrio boni viri* ha jirriduci s-somma ta` l-istima tal-Perit li jhoss illi ma kienx imparzjali meta ghamel fir-rapport tieghu naqas li jsemmi li kien hemm xi xoghol li kien sar hazin u li kien ra xi materjal zejjed. Illi ghalkemm ma ngabet ebda ricevuta ta` l-ghodda tal-konvenut li ma gewx ritornati lura t-Tribunal ha jirriduci s-somma tat-talba ghal Lm981.44 ta' dak iz-zmien u cioe' elfejn, mitejn, sitta u tmenin ewro u erbatax-il centezmi ( €2286.14) .

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici '*in parte'* u jirriduci '***arbitrio e boni viri'*** s-somma mitluba ghal elfejn, mitejn u sitta u tmenin ewro u erbatax il-centezmu (€2286.14), bl-ispejjez kif mitluba fl-avviz u bl-imghax dekorribbli mid-data tas-sentenza sa` l-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-Perit kaligrafu ghall-konvenut u spejjez rimanenti tal-kawza zewg terzi ghall-konvenut u terz ghall-attur."

Minn din is-sentenza appella l-attur biex principalment jikkontesta r-riduzzjoni maghmula mit-Tribunal tas-somma reklamata minnu. Huwa jikkontendi illi ghab-bazi tal-provi t-Tribunal ma setax jiddipartixxi mill-kanoni procedurali dwar l-oneru tal-provi u, barra minn dan, il-gudizzju maghmul gablu pregudizzju gravi lid-drittijiet tieghu. Agguntivament, l-appellanti jikkwerela wkoll il-gudizzju tat-

Tribunal dwar id-dekorriment ta’ l-imghax u r-ripartizzjoni ta’ l-ispejjez tal-kawza;

Brevement, ir-rizultanzi processwali jillustraw illi fis-26 ta’ Awissu, 2002 il-konvenut gie mill-attur kommissjonat b’appalt ta’ xoghlijiet f’post tieghu fiz-Zurrieq (fol. 2). Fl-20 ta’ Jannar, 2003 il-konvenut iddikjara li ma setax ikompli dan l-appalt u bi qbil ma’ l-attur gie accettat illi x-xoghlijiet gja ezegwiti minnu jigu stmati mill-Arkitett Herbert Debono. F’din l-istess dikjarazzjoni sottofirmata minnu l-konvenut obbliga ruhu li jirrifondi lura lill-attur id-differenza bejn din l-istima u l-ammont anticipat lilu mill-attur (ara dokument a fol. 5). L-imsemmi Arkitett ghadda ghal din l-istima tax-xoghlijiet u fir-rapport rilaxxjat minnu fl-1 ta’ Frar, 2003 (fol. 7) iddetermina wkoll liema kienu dawk ix-xoghlijiet li fil-fehma tieghu ma sarux skond l-arti u s-sengha;

Il-provi jkomplu jistabilixxu illi l-konvenut ikkontrasta din l-istima ghaliex, skond hu, mill-kalkolazzjoni thallew barra xoghlijiet ohra li hu kien wettaq, kompriz il-valur ta’ xi materjal u ta’ xi ghodda li hu kien halla fuq il-lant tax-xoghol. Ara Affidavit tieghu a fol. 26. L-istess konvenut jissokta jispjega fid-deposizzjoni tieghu (fol. 36) il-kwantum tal-valur ta’ dan il-materjal u tal-ghodda. Dan, apparti, spjegazzjoni dwar ir-raguni il-ghala kien abbanduna l-appalt (nuqqas ta’ hlas mill-attur), il-fatt li ma ghamelx ix-xoghlijiet rettifikatorji ghax kien lahaq telaq, u li l-firma fuq il-kuntratt ta’ l-appalt u d-dikjarazzjoni ma kienux tieghu. Spjegazzjonijiet dawn ilkoll negati mill-attur in kontro-ezami (fol. 52) u mill-Perit Hebert Debono (fol. 33), b’eskluzjoni ta’ “xi ghodda” u ta’ “*loose material*” – jew fil-kaz tal-firma xort’ohra zmentit mir-relazzjoni ta’ l-espert kalligrafiku Joseph Gaffiero a fol. 73;

Maghmula din l-esposizzjoni qasira tal-provi l-aktar rilevanti, is-sentenza appellata turi li l-gudizzju tat-Tribunal kien imsejjes fuq dan il-binarju. Il-firem fuq id-dokumenti jappartjenu lill-konvenut. Addizzjonalment it-Tribunal

hassu moralment konvint illi l-istima tal-Perit Debono kienet korretta izda, gjaladarba, dan ma kienx elenka x-xoghlijiet maghmula hazin u, fuq il-fehma tieghu, l-istess Perit ma kienx imparzjali f'dik l-istima din kellha tigi ridotta bl-applikazzjoni tal-principju *arbitrio boni viri*. Dan anke in vista tax-xoghol li l-konvenut ma giex ikkompensat tieghu u dak tal-valur tal-ghodda u tal-materjal;

Huwa indubitat illi kif minn din il-Qorti bosta drabi osservat il-valutazzjoni tal-provi u l-gudizzju fuq l-attendibilita` u l-kredibilita` tax-xhieda jinvolvi apprezzament ta' fatt rizervat lit-Tribunal fil-mertu, basta li dan iqieghed ghab-bazi tad-decizjoni tieghu sors ta' prova li tkun attestata mir-rizultanzi istruttorji. Ukoll jekk bil-metru ekwitattiv rimess lit-Tribunal bl-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 hu mistenni li l-gudizzju ghandu jkun wiehed fondat fuq provi precizi u mhux sempliciment parzjali. Veru li r-regola ta' gudizzju bazata fuq l-ekwita` timporta valutazzjoni libera u elastika (ara "**Rita Bihiga -vs- Adrian Busuttil**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 1 ta' Novembru, 2006) imma, imbaghad, ghandu jkun presuppost illi l-applikazzjoni taghha, b'necessita guridika u tal-bon sens, issir fil-qafas tal-provi precizi attendibbli. Dan qed jigi hawn rilevat ghaliex fil-kaz prezenti hu evidenti li t-Tribunal ma ezaminax il-provi bir-reqqa u fit-totalita taghhom. In partikolari, dan fir-rigward ta' dawk ix-xoghlijiet difettuzi li, bil-kuntrarju ta' dak asserit mit-Tribunal, huma ben individwati fir-rapport tal-Perit Debono – nuqqas ta' ingaljar, arkati hziena, hitan mibruma, l-gholi tal-filati mhux uniformi u gebel mhux maqtugh uniformi fl-irjus. Evidentement, it-Tribunal adit ma tax piz debitu lil din il-prova u dan jitraduci ruhu ghall-osservazzjoni illi l-motivazzjoni tieghu lanqas ma hi wahda korretta ghaliex mhix bazata fuq il-kumpless tal-provi;

Issa b'referenza ghad-dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut fl-20 ta' Jannar, 2003 ghandu jigi rilevat illi hu principju rikonoxxut fil-gurisprudenza sa minn zmien sekolari illi "*la nomina di esperti per valutare una cosa nell'interesse delle parti nominanti, induce l'obbligo di stare alla*

*valutazione, anche senza l'espressa convenzione di dovervi stare*" ("**Carmelo Azzopardi -vs- Carmelo Ellul**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Mejju, 1876). Dan ghaliex, kif kompla jigi osservat, il-perit hekk maghzul ghandu jitqies bhala "*bonus vir*" u ghalhekk l-istima tieghu ghandha titqies wahda ragonevoli ("**Emmanuele Sant -vs- Grazia Bonanno *et***", Appell Civili, 21 ta' Marzu, 1941). Ragonevolment, bhal kwazi dejjem, dan il-principju mhux assolut jew definittiv, u, anzi, jammetti l-eccezzjoni. Dan jigri fejn l-istima maghmula tidher dovuta ghal frodi jew imqar ghal zball sostanzjali b'mod li tkun manifestament inikwa jew ingusta. Ara "**Bertram Camilleri *nomine* -vs- Louis Muscat**", Appell Kummercjali, 16 ta' Mejju, 1966 u "**Carlo Vella -vs- George Xuereb**", Appell Kummercjali, 22 ta' Frar, 1973;

Dan li nghad, meta applikat ghal fattispeci, kellu jinduci lit-Tribunal biex jaccetta u japprova l-istima maghmula mill-Perit Debono minghajr ebda ezitazzjoni dwar "konvinciment morali", del resto mhux lanqas sopportat mill-prova dokumentali. Biex seta' jkun divers, lit-Tribunal ried jirrizultawlu jew id-dolo jew l-izball materjali u sostanzjali, b'dan ta' l-ahhar determinat fuq il-bazi tad-differenzjazzjoni bejn il-valur stmat u dak reali. Hawnhekk dan ma kienx hekk il-kaz u, allura, jekk ghat-Tribunal dik l-istima kienet "korretta" ma setax jirrikorri ghal konsiderazzjonijiet xort'ohra. Il-perit ghamel il-verifiki tieghu, ikkonstata l-ezistenza ta' certa difformita fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet u ppreveda ghar-rimedju tar-riduzzjoni tal-valur taghhom gjaldarba baqghu ma gewx rettifikati mill-konvenut u x-xoghol rimedjali kellu jsir minn kontrattur iehor. Jekk it-Tribunal hass li kellu jadopera r-regola ta' l-*arbitrio boni viri* dan, fic-cirkustanzi, kellu jkun limitat ghal valur tal-ghodda u xi ftit gebel, ossija "*loose material*", li thalla mill-konvenut fuq il-post, anke ghaliex l-istess konvenut ma pprovdiex prova konkreta jew korroborativa tal-valuri taghhom. Fil-hsieb tal-Qorti l-uzu ta' dak l-istess arbitriju ma kellux jeccedi fil-massimu l-ammont ta' hamsin lira (Lm50) b'kollox;

Fil-konsiderazzjoni ta' l-ilment dwar l-imghaxijiet ghandu jigi kkonsidrat in linea ta' principju generali illi l-gustifikazzjoni tar-rikjam taghhom ghandha l-bazi taghha fid-dewmien tal-hlas mid-debitur, akkoppjat ma' dak ta' l-izvantagg arrekat lill-kreditur mit-telf tal-godiment tas-somma dovuta u li d-debitur ikun baqa' ma hallasx, jew, almenu, ma ddepozitax. Gjaladarba l-obbligazzjoni *de quo* fil-konvenut ma hijiex tax-xorta kummercjali jew dixxendenti *ipso jure* mil-ligi, ghal kostituzzjoni in mora kien jokkorri li ssir sejha b'att gudizzjarju [Artikolu 1141(1), Kodici Civili]. Fil-kaz prezenti din il-procedura jidher li saret l-ewwel darba fid-29 ta' Ottubru, 2003 u dan igib li d-dekorriment ta' l-imghax kellu jibda minn din id-data u mhux, kif ragonat, mit-Tribunal mid-data tas-sentenza. Konsiderat l-ammont verament tenwu li kellu jkun fil-verita dedott mis-somma reklamata, ma kien hemm ebda raguni biex it-Tribunal jiddisponi xort'ohra;

Ukoll din il-Qorti ssib li l-appellanti ghandu ragun dwar l-obbjezzjoni tieghu ghal mod ta' l-ispartizzjoni tal-kap ta' l-ispejjez. Fil-konsiderazzjoni li ghamlet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kummercjali tal-10 ta' Mejju, 1957 in re: "**Mario Gentile -vs- Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini *nomine***", jinghad illi "fir-regolament tat-temperament ta' l-ispejjez il-Qorti thares mhux biss lejn l-ammont li fih l-attur baqa' sokkombenti imma tqis ukoll fatturi ohra, bhal ma hu dak li l-konvenut ikun sokkombenti f'xi eccezzjoni li jkun issolleva, u dak li hu ma jkunx ghamel ebda depozitu ta' ammont ragonevoli, izghar minn dak pretiz, approssimattivament kalkolat, b'rizerva li jintegra l-istess depozitu". Fil-fehma tal-Qorti, ghar-ragunijiet gja dedotti, u l-aktar dik tar-riflessjoni illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma kienux meritevoli ta' akkoljiment u r-rezistenza tieghu ghall-hlas ma kienetx lanqas serja u legittima, it-temperament maghmul mit-Tribunal ma kienx, fic-cirkustanzi kollha maghrufa u accertati, akkonsentit.

Ghal dawn il-motivi kollha superjorment esposti l-Qorti qed tilqa' l-appell billi tvarja s-sentenza appellata u konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-

attur is-somma ta’ elf mija wiehed u tletin lira Maltija erbgha u erbghin centezmu (Lm1131.44) ossija elfejn sitt mija hamsa u tletin euro, hamsa u hamsin centezmu (€2635.55), bl-imghaxijiet mid-29 ta’ Ottubru, 2003 u bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------